MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru. 364/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
KEVIN JOSEPH CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Joseph Camilleri, ta' 27 sena, bin Anthony u Agnes nee' Mifsud, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Frar 1979, u residenti Flat No 4, Isle Lander Court, Triq J. Quintinos, Qawra, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 91579(M), u akkuzat talli nhar l-24 ta' Frar 2006, ghal habta ta' xi 14:00hrs, minn gewwa l-Maghtab, limiti tan-Naxxar:

(1) ikkommetta serq ta' diversi affarijiet ghad-dannu ta' Darren Grima mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c), 263(a) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 5).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza b'assorbiment tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 279 u 280(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender', l-eta' giovvanili tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------